# BEJN TA' PINU U L-MELLIEĦA

*Kav. Joe M. Attard*



Matul dawn l-aħħar xhur, ix-xbieha li naraw fil-kwadru tal-Madonna Ta' Pinu kienet fuq fomm kulħadd u forsi nazzardaw ngħidu li daħlet fid-djar mhux biss tal-Għawdxin imma tal-Maltin ukoll. Dan għal fatt li dan il-kwadru qed jagħlaq 400 sena minn meta kien tpinġa minn Bartolomeo Amadeo Perugino fl-1916. Mhux magħruf jekk Perugino twelidx Malta, imma żgur li kien jgħix hawn fejn fl-1615 huwa żżewweġ lil Vincensica Bonnici u ssetilja fil-belt Valletta fejn jissemma wkoll missieru Francesco fl-1580. Perugino pinġa lill-Madonna Ta' Pinu u ffirma wkoll dan ix-xogħol tiegħu li skont il-kittieb Għawdxi Mons Luigi Vella (1859-1928) f'kitba fis-sena 1887 jgħid li "l-pittura hija ta' skola Peruġina antika, li għadha tfakkar it-teknika tal-biżantina. Għaldaqstant: simetrija studjata, figuri sottili, nuqqas ta' proporzjon u prospettiva. Hija iżda ta' kuluri sbieħ ħafna, li wara iktar minn żewġ sekli, għadha fi stat tajjeb ħafna. Juri l-Assunzjoni tal-Verġni Mqaddsa li, bil-figura tagħha, tokkupa l-isfond tal-kwadru poġġuta fuq ġemgħa ta' sħab u miżmuma minn erba' anġli mlibbsin bi tnejn minnhom qegħdin iqegħdulha b'id waħda kuruna fuq rasha. Taħt tidher biċċa mill-qabar miftuħ imdawwar bl-Appostli nofs ġisem. Jingħad li hija kopja ta' xi xogħol tal-iskola msemmija li saret wara l-ewwel restawrazzjoni. Dak li għandha nieqes fl-arti, insibuh fl-ideja reliġjuża, ħaġa li spiss tiġri." Il-figura kollha tal-Verġni, speċjalment il-wiċċ, jispira innoċenza, grazzja u devozzjoni. Kittieb ieħor Għawdxi, Mons Giuseppe Farrugia, li kiteb fl-1891, jattribwixxi l-istat tajjeb li fih kien il-kwadru għall-fatt li l-post kien wieħed xott, l-istabbilita' tal-arja u n-nuqqas ta' dawl dirett fuqu. Madankollu, skont il-ħabib tiegħi Toni Calleja mill-Għasri, f'nota f'sieq il-paġna, jgħidilna: 'Pero xi darba, il-kwadru forsi seta' kien mimsus (irrestawrat).' Barra din il-'forsi', huwa dokumentat li fl-1935, fl-okkażjoni tal-Inkurunazzjoni, il-kwadru kien irrestawrat mill-Kav. Vincenzo Bonello (1891-1969) tal-Belt Valletta, li skont ġurnal lokali "ġiebu ġdid l-inqas jingħaraf". Dan il-kwadru insinji tal-Madonna Ta' Pinu nħareġ mis-Santwarju f'ħames okkażjonijiet: fl-1949: ir-Rabat fl-okkażjoni tal-Ewwel Kungress Marjan f'Għawdex; fl-1950: ir-Rabat fl-okkażjoni tal-Proklamazzjoni tad-Domma tal-Assunta; fl-1983: Malta fl-okkażjoni tal-Ewwel Ċentinarju mis-Sejħa tal-Madonna lil Karmni Grima; fl-2010: Malta fl-okkażjoni taż-Żjara tal-Papa Benedittu XV1: u fl-2019: Għawdex, żjara fil-Parroċċi kollha u fl-Isptar Generali fl-okkażjoni tal-400 sena tal-Kwadru. Għal minn ma jafx dan is-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu jinsab fil-Punent ta' Għawdex ftit qabel ma tidħol fir-raħal tal-Għarb. F'dan il-post, sa minn qabel l-1545, kien hemm kappella li ġiet ipprofanata fl-1575. Iżda wara l-1615, Pinu Gauci kien għen biex terġa' tiġi msewwija u fl-1615 irregalalha t-titular li hemm illum, jiġifieri l-pittura tal-Madonna mtellgħa s-Sema, xogħol ta' Bartolomeo Amadeo Perugino. Minn dan il-benefattur ġej l-isem Ta' Pinu.

Il-Papa Piju X1 kien laqa' t-talba tal-Għawdxin biex dan il-kwadru jiġi nkurunat u f''ismu kien bagħat Għawdex lill-Eminenza Tiegħu l-Kardinal Alessio Enrico Maria Lepicier li kien wasal Malta fuq il-vapur Firenze s-Sibt filgħaxija 8 ta' Ġunju 1935. It-Tlieta 18 ta' Ġunju huwa kien ġie Għawdex fejn intlaqa' mill-Isqof Mons Mikiel Gonzi. Ix-xbieha tal-Madonna ġiet inkurunata l-Ħamis wara nofs inhar 20 ta' Ġunju fil-pjazza ta' quddiem is-Santwarju.

Għadda ż-żmien u s-Sibt 26 ta' Mejju 1990, il-Papa Pollakk llum qaddis, Gwanni Pawlu t-Tieni kien rifes fuq artna u wasal Għawdex fid-9.30am u niftakar kien ingħata merħba kbira. Fil-pjazza ta' quddiem is-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu, akkumpanjat mill-Isqod Nikol Cauchi huwa kien qiegħed ħames stilel tad-deheb madwar ras il-Madonna li naraw fil-kwadru. Dan il-Papa għadu ħaj fostna l-Għawdxin fil-monument life size li naraw f'qiegħu fil-bidu tat-triq li twasslek lejn is-Santwarju nazzjonali Ta' Pinu. Dan kien sar bit-tħabrik tal-Fondazzjoni Għawdxija Papa Gwanni Pawlu t-Tieni li bħalissa qed tħejji għadd ta' attivitajiet biex f'Mejju tal-2020 tfakkar il-Mitt Sena minn twelidu u t-tletin sena minn mindu kien żar il-gżejjer Maltin.

Intant, il-Ġimgħa 23 t'April 2010, l-Arċisqof Pawlu Cremona kien mexxa pellegrinaġġ bil-pittura titular Ta' Pinu għas-Santwarju tagħha f'Għawdex. Minħabba li din il-Bażilika Marjana tgawdi minn devozzjoni qawwija, il-Papa Benedittu XV1, nhar il-Ħadd 18 t'April 2010, fuq il-Fosos tal-Furjana, fejn kien ittieħed minn Għawdex dan il-kwadru, kien irregalalu warda tad-deheb bħala rikonoxximent.

Kif għidna iktar 'il fuq, dan il-kwadru qed jagħlaq 400 sena u biex din l-okażjoni ma tintesiex, din il-pittura li



minnha x-xebba bidwija Karmni Grima semgħet il-leħen tal-Madonna jsejħilha, fuq xewqa tal-Isqof Djoċesan Monsinjur Mario Grech, inqala' minn postu (esperti qaluli li pittura bħal din ma tiħux gost titħarrek minn postha u tesponiha għal arja differenti u skossi mhux mixtieqa) u żar il-parroċċi Għawdxin fejn kull fejn mar ingħata merħba kbira. Wara reġa' lura f'daru mill-ġdid f'pellegrinaġġ li ntemm fil-Knisja Bażilika wara Pontifikal ta' radd il-ħajr. Xi ħadd qalli dan l-aħħar li r-Rettur Fr Gerard Buħaġiar għandu l-ħsieb li jirrestawra l-kwadru. Kopja tiegħu issa qed iddur ukoll il-parroċċi f'Malta fejn ukoll qed jintlaqa' tajjeb.

Intant matul Mejju tal-2015, il-Konferenza Episkopali Maltija kienet ħabbret li s-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu f'Għawdex u dak tal-Madonna tal-Mellieħa f'Malta huma ż-żewġ Santwarji Nazzjonali ta' pajjiżna. Dan kien ħabbru l-Isqof t'Għawdex Monsinjur Mario Grech, President tal-Konferenza Episkopali Maltija waqt l-ewwel żjara uffiċċjali li kien għamel f'Għawdex Monsinjur Charles J. Scicluna, Arċisqof Metropolita ta' Malta. Għalkemm dawn iż-żewġ siti Marjani kienu ilhom meqjusa bħala Santwarji Nazzjonali, sa ftit taż-żmien ilu ma kien hemm l-ebda digriet uffiċċjali tal-Konferenza li jikkonferma dan. Din l-istqarrija saret f"Ta' Pinu fejn l-Arċisqof Scicluna kien anke ġie mistieden ibierek it-tliet mużajċi l-ġodda ta' Marco Ivan Rupnik SJ li llum naraw mal-faċċata tas-Santwarju.

U xtaqt nagħlaq dan il-ftit tagħrif li ġejt mitlub nikteb għal din il-pubbikazzjoni tal-festa billi nħallikom b'dawn il-ftit versi li kien talabni nikteb ġuvni marid li niftakar qalli, "biex ma mmurx b'idejja vojta quddiem is-Sinjura!"



Ġejt inżurek O Madonna
Reġina tas-Sema w l-art
F'das-Santwarju nazzjonali
Imdawwar b'ġonna u ward.

Perugino lilek pinġa
Tielgħa s-Sema kollok dija,
Qtajja' t'anġli bik jifirħu
Ikantawlek għalenija.

Fit-tnejn u għoxrin ta' Ġunju
Ta' kull sena nfakkru l-ġrajja
Ta' met'int kellimt lil Karmni
Kampanjola bint ir-ragħajja.

Lil Franġisk Portelli għidtlu
B'ta' Gesu' l-Pjaga moħbija
Li biha l-Mulej tant bata
F'tal-Kalvarju l-mogħdija!

Frenċ tal-Għarb għamel kemm felaħ
Biex inbnielek das-Santwarju –
Ċentru sar tal-pellegrini
U għalihom relikwarju.

Papa Gwanni Pawlu t-Tieni
Fid-Disgħin għamillek żjara
U lill-Kwadru inkuruna –
Niesna ġiet hawnhekk bi ħġarha.

U llum ġewwa l-Awstralja
Ħadna anke x-xbieha tiegħek
Sabiex ħutna l-emigranti
Jgħammru dlonk għal kenn ta' driegħek.

Int tas-Sema s-Sultana
Inti Omm Sid il-ħolqien;
Lilek nissel mingħajr tebgħa
Sa mill-bidu ta' kull żmien.

Niesna tiġi minn kull naħa
Biex 'l-ex-voto' tmur iżżur –
Kamra li l-fejqan turina
Bil-ferħ qalbna tkun trid tfur.

Għażiż'ommna aħna wliedek
Taf kemm aħna midinbin;
Bieb il-Ġenna fis berrħilna
Biex ingawdu lill-Bambin!

Tħalliniex għal mument wieħed
Biex Sat'na ma jaħkimniex;
Aħna dgħajfa, ta' spiss nogħtru,
Waħidna la titlaqniex.

Bierek lil dal-ġuvni twajjeb
Li jinsab magħdur, marid;
B'ferħ il-Ġenna imla 'l qalbu
Għinu jerfa' das-salib!